# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 28**

**Rikors numru 31/2020/1 GM**

**Dr Naged Megally**

**v.**

**Onor Ministru tas-Saħħa u Celia Falzon fil-kwalità tagħha ta' Kap Eżekuttiv u in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei**

1. L-attur ilu aktar minn ħdax-il sena jaħdem bħala *Resident Specialist* fid-Dipartiment tal-Ostetrija u l-Ġinekoloġija tal-Isptar Mater Dei. L-attur għandu diżabilità fiżika li minħabba fiha jeħtieġ assistenza fil-mobilità tiegħu sabiex ikun jista' jwettaq id-dmirijiet tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Fl-10 ta' Lulju 2018 l-attur kien qiegħed jara l-pazjenti fl-Ultrasound Clinic tal-Isptar Mater Dei, u jgħid li dakinhar inqala' incident meta l-Professur Yves Muscat Baron ordnalu jitlaq mill-kamra għaliex xi

ħadd mit-*team* tiegħu kellu bżonn juża l-apparat li kien qiegħed juża l-attur u quddiem il-pazjenti tal-attur qallu li huwa kien qiegħed jieħu wisq ħin biex jara l-pazjenti tiegħu minħabba d-diżabilità tiegħu. Skont l-attur huwa ġie fiżikament imneħħi mill-kamra u mpoġġi fuq siġġu barra mill-kamra, u dan dejjem fil-presenza tal-pazjenti tiegħu għaliex il-Professur Yves Muscat Baron ma riedx jistenna li jiġu l-*porters* sabiex jgħinuh jitrasferixxi ruħu għal fuq is-siġġu tar-roti tiegħu. L-attur issottometta l-ilment tiegħu lill-kap eżekuttiv tal-Isptar Ivan Falzon u jallega li huwa ġie mhedded minnu li kien ser iħammeġ ir-reputazzjoni tal-attur jekk ma jbaxxix rasu għal dak li kmanda. L-attur jgħid li għalhekk huwa ressaq l-ilment tiegħu quddiem il-Ministru tas-Saħħa u saret inkjesta, iżda jilmenta li din ma saritx sew peress li huwa ma ġiex involut fil-proċeduri jew imqar informat dwar l-andament tagħhom u lanqas biss ingħata kopja tad-deċiżjoni sħiħa ta' dan il-Bord. L-attur jallega li l-ilmenti tiegħu ma ġewx indirizzati sew minn dan il-Bord u li agħar minn hekk wara li huwa intavola protest ġudizzjarju dwar dan kollu l-konvenuti ttentaw jitterminaw l-impjieg tiegħu abbażi tad-diżabilità tiegħu.

2. F'dawn il-proċeduri huwa talab għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara li t-trattament subit mir-rikorrent fuq deskritt jammonta għal trattament inuman u degradanti ai termini tal-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif ezegwibbli loklament permezz tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> 2. Tiddikjara li d-deċiżjonijiet, azzjonijiet, u nuqqasijiet tal-intimati wasslu għal trattament diskriminatorju minħabba d-diżabilita` tar-

> rikorrent in vjolazzjoni tal-artiklu 45(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif eżegwibbli lokalment permezz tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> 3. Tagħti d-direttivi xierqa biex jitħarsu d-drittijiet tar-rikorrent;
>
> 4. Tordna lill-intimati biex jimplimentaw dawk ir-rimedji neċessarji biex jitwaqqaf il-ksur tad-drittijiet fuq indikati;
>
> 5. Tillikwida ammont ta` kumpens għad-danni pekunjarji u non-pekunjarji għall-vjolazzjonijiet hawn imsemmija;
>
> 6. Tikkundanna lill-intimati jħallsu l-kumpens hekk likwidat.
>
> Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju tad-29 ta' Awwissu 2019 kontra l-intimati."

3. Il-konvenuti eċċepew, *inter alia,* illi huma qatt m'assoġġettew lill-attur għal xi trattament inuman jew degradanti, li jekk sar xi att diskriminatorju l-attur irid iqabbel lilu nnifsu ma' ħaddieħor li qiegħed jew kien fil-pożizzjoni tiegħu liema prova ma tidher minn imkien mit-talbiet intavolati, li l-Qorti ma tista' tipprovdi l-ebda direttivi biex jitħarsu d-drittijiet tal-attur għaliex l-attur seta' adopera ruħu minn proċeduri diversi biex jirregola ruħu dwar kwistjonijiet personali li allegatament inqalgħu waqt il-qadi ta' dmirijietu ma' kollegi jew diriġenti tiegħu.

4. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tat-23 ta' Ġunju 20223 ġie deċiż hekk:

> "Għal dawn il-motivi, l-Qorti:
>
> 1. Tillibera lill-Ministru tas-Saħħa mill-osservanza tal-ġudizzju.
>
> 2. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li t-trattament subit mir-rikorrent fuq deskritt jammonta għal trattament inuman u degradanti ai termini

> tal-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif esegwibbli lokalment permezz tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> 3. Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara li d-deċiżjonijiet, azzjonijiet, u nuqqasijiet tal-intimati wasslu għal trattament diskriminatorju minħabba d-diżabilita` tar-rikorrent in vjolazzjoni tal-artiklu 45(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif eżegwibbli lokalment permezz tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> 4. Tilqa' t-tielet u r-raba' talba billi tordna b'effett immedjat ir-*restiutio in integrum* u ċjoe` t-tneħħija tas-sospensjoni tar-rikorrent mill-post tax-xogħol tiegħu; ir-ritorn tiegħu fuq il-post tax-xogħol bl-istess kariga u bl-istess xogħol li kellu qabel l-inċidenti in kwistjoni; l-għoti tal-parti tas-salarju u benefiċċji oħra li setgħu tneħħewlu minħabba s-sospensjoni, u t-tneħħija ta' kwalunkwe passi dixxiplinarji li hemm kontra tiegħu.
>
> 5. Tilqa' l-ħames talba billi tillikwida ammont ta' €5,000 (ħames elef euro) kumpens non-pekunjarju għall-vjolazzjonijiet hawn imsemmija.
>
> 6. Tilqa' s-sitt talba billi tikkundanna lill-intimati jħallsu l-kumpens hekk likwidat.
>
> Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju tad-29 ta' Awwissu 2019 kontra l-intimata Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei."

5. Il-konvenuta Celia Falzon fil-kwalità tagħha ta' Kap Eżekuttiv u in rappreżentanza tal-isptar Mater Dei ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-8 ta' Lulju 2022 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tiċħad it-talbiet attriċi kollha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.

6. Il-konvenut ippreżenta r-risposta tal-appell tiegħu fit-2 ta' Awwissu 2022 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell odjern, bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

**Ikkonsidrat;**

**L-Ewwel Aggravju**

7. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u naqset milli tieħu konjizzjoni ta' fatti saljenti u li kien biss minħabba dan li sabet li l-attur safa vittma ta' aġir inuman u degradanti bi ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea. Targumenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta aċċettat bħala stat ta' fatt li fl-10 ta' Lulju 2018 l-attur ġie mġiegħel joħrog mill-klinika wara li l-Professur Yves Muscat Baron beda jakkużah li kien qed idum iżżejjed fl-eżamijiet kliniċi li kien qed jagħmel fuq il-pazjenta minħabba d-diżabilità tiegħu u għadda sabiex jgħajjat miegħu u mbagħad impjegati tal-Isptar qabduh u fiżikament ġarrewh b'mod umiljanti u inuman u poġġewh fuq siġġu barra mill-kamra. Tgħid li mix-xhieda tal-Professur Yves Muscat Baron jirriżulta li xejn minn dan ma ġara u li huwa kien issuġġerixxa li Dr.Rifad ikompli l-lista ta' pazjenti tal-attur peress li l-attur kellu tliet pazjenti fuq il-lista tiegħu filwaqt li Dr. Rifad kellu għaxra u għalhekk kien aktar faċli għal Dr. Rifad li jara l-pazjenti tal-attur milli bil-kontra. Targumenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li l-awtoritajiet tal-Isptar kienu pruvaw ikeċċu lill-attur abbażi ta' *boarding out* minħabba d-diżabilità tiegħu għaliex mill-provi jirriżulta li

din id-diskussjoni kienet ġiet indotta unikament minn tħassib serju bbażat fuq għadd ta' ilmenti minn pazjenti tal-attur dwar il-qadi tad-dmirijiet tiegħu. Tgħid li l-kwistjoni dwar kemm kien jara pazjenti l-attur mhijiex relevanti għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri u żżid li l-attur qatt ma kien ilmenta dwar dan. Targumenta wkoll li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ħadet in konsiderazzjoni l-inkjesta interna mitluba mill-Ministru tas-Saħħa għaliex l-iskop ta' din l-inkjesta interna kien biss li l-Ministru jiġi mgħarraf bl-avvenimenti li kienu seħħew u ma kinitx intiża sabiex tieħu post proċeduri appożiti kif tipprefiġġi l-liġi jew il-Public Service Management Code li jirregola tali istanzi. Issostni li għalhekk dan il-Bord ma ħax ix-xejra ta' Tribunal jew xi rwol quasi-ġudizzjarju u ċertament ma kienx għall-iskop li jiddeċiedi fuq l-allegazzjonijiet tal-attur f'termini dixxiplinari. Targumenta li l-Public Service Management Code jipprojbixxi l-fastidju, *bullying* u prattiċi tax-xogħol diskriminatorji a bażi ta', *inter alia*, diżabbilita fiżika jew intelletwali u għaldaqstant il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku għandha s-setgħa li tinvestiga u tipproċedi b'passi dixxiplinari, iżda l-attur għażel minflok li jinvolvi lil Ministru minflok ma jagħmel użu mill-għodda legali li l-liġi tagħmel disponibbli għalih. Tilmenta wkoll dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti straħet fuq il-fatt li l-attur illum jinsab sospiż minn xogħlu u tgħid li din lanqas biss kienet kwistjoni li tifforma parti mill-mertu ta' din il-kawża. Targumenta wkoll li ladarba dan mhuwiex każ ta' żewġ verżjonijiet ta' partijiet distinti ladarba l-provi kollha huma tal-attur, l-

Ewwel Qorti setgħet biss tissindikahom sabiex tara jekk l-attur irnexxilux jipprova t-talba tiegħu u fin-nuqqas kellha tiċħad it-talbiet attriċi.

8. L-appellat iwieġeb li l-appellanti għamlet referenza selettiva għax-xhieda prodotti u li fil-verità mill-provi jirriżulta ampjament li huwa tkeċċa mill-kamra li kien qiegħed juża minħabba d-diżabilità tiegħu. Iżid li l-verżjoni tiegħu ġiet korroborata minn Daniella Karadol, li kienet il-pazjenta li kien qiegħed jeżamina meta daħal fil-kamra l-Professur Yves Muscat Baron u semgħet dak li kien qallu. Jargumenta li m'hemmx raġunijiet validi biex jiġġustifikaw li l-apprezzament tal-Ewwel Qorti jiġi ddisturbat, u dan partikolarment ukoll ikkonsidrat li l-Professur Yves Muscat Baron innifsu kkonferma waqt l-inkjesta li huwa kien qed jirreferi għad-diżabilità tal-attur meta kien qiegħed ikeċċih mill-kamra li kien qed juża. Isostni li x-xhieda tal-Professur Yves Muscat Baron li huwa dejjem kien jassenjalu anqas pazjenti minn tobba oħra hija prova tad-diskriminazzjoni sistematika li huwa kien qiegħed isofri fuq il-post tax-xogħol. Jilmenta li bl-argumenti tagħha l-appellanti qed timminimizza l-importanza tal-inkjesta li saret.

9. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ir-rikorrent huwa speċjalista fil-*fetal medicine* b'karriera li tmur lura għas-sena 1993. Għal dawn l-aħħar 13-il sena kien jaħdem bħala *resident specialist* fl-Ostetrija u Ginekoloġija fid-dipartiment tal-Ostetrija u Ginekoloġija fl-isptar Mater Dei.
>
> Għandu diżabilita` fiżika u sabiex ikun jista` jwettaq id-dmirijiet tiegħu fuq il-post tax-xogħol, jeħtieġ assistenza fil-mobilita` tiegħu.

Jirriżulta mill-provi akkwiżiti – fatt li ma ġiex ikkontestat mill-intimati – li fl-10 ta' Lulju 2018 waqt li kien qiegħed jara pazjenta waqt il-ġurnata tax-xogħol tiegħu fi klinika ġewwa l-Isptar Mater Dei, daħal il-Professur Yves Muscat Baron (illi huwa l-Kap tad-Dipartiment li fih jaħdem l-esponenti) u ordnalu joħroġ mill-klinika immedjatament għaliex Mr Rifad (illi jagħmel l-istess xogħol bħall-esponenti) kellu ħsara fl-apparat tal-*ultrasound* tiegħu. Ir-rikorrent talbu jtih ċans sabiex ilesti lill-pazjenti li kien għad baqagħlu u li kienu qed jistennew barra, iżda Muscat Baron irrifjuta. Qallu li huwa kien ser idum wisq minħabba d-diżabilita' illi għandu. Quddiem kulħadd beda jgħajjat: "oħorġuh 'l barra". Minflok li stenna lill-*porters* jaslu sabiex jassistu lir-rikorrent jitla` fuq is-siġġu tar-roti tiegħu, staff tal-Isptar qabdu u fiżikament ġarrew lir-rikorrent bl-aktar mod umiljanti u inuman u poġġewħ fuq siġġu barra mill-kamra.
Dan kollu seħħ fil-preżenza ta' pazjenti tar-rikorrent, mingħajr ebda konsiderazzjoni għall-fatt illi r-rikorrent kien qiegħed f'nofs vista u l-ebda konsiderazzjoni wkoll għall-konsegwenzi li tali aġir u rimarki b'referenza lejn id-diżabilita` tar-rikorrent setgħu jħallu fuq ir-reputazzjoni tar-rikorrent.

Dawn il-fatti ġew ikkonfermati mis-sinjura Daniella Karadol, li kienet il-pazjenta li kien qiegħed jeżamina r-rikorrent meta ġie mkeċċi. Xehdet f'dawn il-proċeduri permezz ta' affidavit, u ma ġietx ikkontro-eżaminata. Ikkonfermat *inter alia* li l-Professur Muscat Baron qal lir-rikorrent li kien qiegħed idum ħafna mal-pazjenti minħabba d-diżabilita' tiegħu. Ir-reazzjoni tagħha għal dan id-diskors kienet waħda ta' xokk, u fil-fatt il-Professur Muscat Baron staqsiha kinitx Maltija peress li assuma li kienet barranija u allura ma kinitx qed tifhem dak li kien qiegħed jingħad.

Mistoqsi dwar x'awtorita` kellu sabiex iwaqqaf lir-rikorrent mill-qadi ta' dmirijietu u sabiex ikeċċi lill-istess rikorrent mill-kamra, l-imsemmi Muscat Baron informa lir-rikorrent illi din id-deċiżjoni kienet ittieħdet minnu u mill- Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei ta' dak iż-żmien, Ivan Falzon.

Ir-rikorrent jallega – u f'dan ma ġiex kontradett – li Ivan Falzon heddu kemm-il darba li jekk ma kienx ser ibaxxi rasu għal dak li jikkmanda l-istess Ivan Falzon, huwa kien ser iħammeġ ir-reputazzjoni tar-rikorrent billi jippubblika xi informazzjoni dwar ir-rikorrent illi allegatament kellu fil-pussess tiegħu.

Fuq ordni tal-Ministru tas-Saħħa, saret inkjesta nterna dwar l-inċident minn bord kompost minn Prof. Charles Savona Ventura, Prof. Raymond P. Galea u Albert P. Scerri u f'Ottubru 2018. Għalhekk il-Bord kien kompost minn dipendenti, subordinati li kellhom jinvestigaw lis-superjuri tagħhom. Filwaqt illi l-Bord bagħat għal xhieda illi ġew indikati mill-Isptar, huwa ma ħassx illi kellu jibgħat għal xhieda illi ġew indikati minn Dr Megally.

Għalkemm il-provi ġew miġbura f'Ottubru 2018, ir-rikorrent ma ngħatax informazzjoni dwar x'kien qed jiġri bl-inkjesta u kien biss f'Mejju 2019, wara ħafna insistenzi, li r-rikorrent ġie nfurmat illi l-ilment tiegħu qed jiġi miċħud bħala infondat.

Ċertu Dr Busuttil kien ta lill-esponenti kopja fotostatika tal-konklużjoni tal-Inkjesta in kwistjoni, u li għalkemm staqsa għal kopja sħiħa tar-rapport tal-inkjesta, huwa ma ingħatax dan. Ir-rikorrent seta' jara li r-rapport kien f'booklet li kellu fl-uffiċċju tiegħu Dr Busuttil u li din id-deċiżjoni kienet tinsab fl-aħħar paġna tal-istess *booklet.*

Il-Bord dehrlu illi kellu jikkonferma li mhux talli dawk li trattaw lill-esponenti ħażin ma għamlu xejn ħażin, iżda skont il-Bord, kien tort tal-esponenti għax huwa sensittiv.

Fis-seduta ta' nhar it-8 ta' Ġunju 2021, ix-xhud Marcelle Galea (rappreżentant tal-intimat Onor. Ministru għas-Saħħa) ippreżentat kopja tar-rapport tal-Bord tal-Inkjesta in kwistjoni. Il-konklużjoni tar-rapport ippreżentat mir-rappreżentant tal-Ministru tas-Saħħa hija differenti minn dik illi kienet ingħatat lir-rikorrent, u speċifikament ġew imneħħija l-kliem "*rather heightened*" b'referenza għas-*sensitivities* illi l-Bord tal-inkjesta ikkonkluda illi l-esponenti għandu fir-rigward tad-diżabilita` tiegħu.

Il-Professur Charles Savona Ventura kkonferma l-firma tiegħu fuq iż-żewġ verżjonijiet tal-konklużjoni tal-Inkjesta (dik ippreżentata mill-esponent immarkata Dok. MN13 u dik ippreżentata mir-rappreżentant tal-Onor Ministru tas-Saħħa), iżda ma kellux spjegazzjoni għalfejn kien hemm din id-differenza fil-verżjoni ippreżentata mill-intimati fil-Qorti. Madanakollu kkonferma illi l-esponenti nħareġ 'l barra mill-klinika minħabba l-allegati limitazzjonijiet tiegħu marbuta mad-diżabilita` u li apparti d-diżabilita', ma kien hemm ebda fattur ieħor abbażi ta' liema ttieħdet id-deċiżjoni illi r-rikorrent kellu jivvaka l-klinika tiegħu sabiex jidħol Mr Riffat.

Wara li lmenta dwar it-trattament li kien irċieva, l-awtoritajiet tal-Isptar Mater Dei ippruvaw ikeċċu lir-rikorrent abbażi ta' *boarding out* minħabba d-diżabilita' tiegħu. L-esponenti xehed illi ġie a konjizzjoni tal-fatt, ossia dawn it-tentattivi sabiex il-konsulenti kollha fi ħdan id-Dipartiment tal-Ostetriċja u l-Ġinekoloġija bi qbil bejniethom ikeċċu lill-esponenti. Dan l-attentat ma mmaterjalizzatx għaliex kien hemm il-konsulent Dr Alberto Vella illi qabeż għar-rikorrent u nsista li din titwaqqaf għaliex ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn ir-rikorrent kellu jitkeċċa minn xogħolu.

Fil-mori ta' din il-kawża, saru diversi allegazzjonijiet fil-konfront tar-rikorrent illi kien qiegħed jagħmel żbalji peress illi għandu diżabilita` u għalhekk ma jistax jagħmel xogħolu. Fil-fatt huwa ġie sospiż mill-impjieg fit-12 t' Ottubru tas-sena 2021 qabel saret xi forma ta'

investigazzjoni u għadu preżentement f'din is-sitwazzjoni. Il-Professur Muscat Baron xehed illi s-sospensjoni saret minħabba allegati nuqqasijiet, u dan fuq rakkomandazzjoni tiegħu stess; u li din kienet l-ewwel darba sa minn meta r-rikorrent beda jaħdem fl-isptarijiet pubbliċi illi kellu akkużi ta' din in-natura fil-konfront tiegħu.

Professur Charles Savona Ventura jgħid illi n-numru limitat ta' każijiet illi kien jingħata biex jagħmel ir-rikorrent huwa riżultat tad-diżabilita' tiegħu, għaliex kien jieħu iżjed żmien biex jagħmel każ individwali. Madanakollu jgħid illi l-Bord ma ħax konjizzjoni tal-listi ta' pazjenti miġjuba quddiemu sabiex jivverifika jekk huwiex minnu dak allegat li l-esponent ma huwiex effiċjenti daqs ħaddieħor (u addirittura dawn ma ġewx inklużi fir-rapport tal-inkjesta).

Dr Alberto Vella xehed ukoll f'dawn il-proċeduri permezz ta' affidavit4 u kkonferma li huwa jaħdem qrib mar-rikorrent u qatt ma kellu tħassib dwar il-kapaċitajiet tar-rikorrent, għaliex minkejja d-diżabilita' tiegħu, dejjem kien kapaċi jaqdi dmirijietu daqs tobba oħra. Ix-xhud ma ġiex ikkontro-eżaminat.

Il-Professur Yves Muscat Baron xehed illi r-rikorrent kien jiġi allokat numru ferm inqas ta' pazjenti mill-kollegi tiegħu, u dan għaliex ix-xhud **assuma** li dan kien meħtieġ minħabba l-kondizzjoni tiegħu, senjatament id-diżabilita` tiegħu. Ix-xhud ikkonferma li wara li ġara l-inċident in kwistjoni, in-numru ta' pazjenti fuq il-lista tar-rikorrent żdied b'mod sostanzjali.

Kif xehed ir-rikorrent stess, l-inċident in kwistjoni kellu impatt negattiv u qawwi mhux biss fuq il-ħajja personali tiegħu, iżda anke fil-ħajja lavorattiva tiegħu; u kkawżalu ansjeta`. Skont Dr Lina Janulova illi tgħid illi l-incident ħalla lill-esponent "in an emotionally distressed state".

Rigward l-eċċezzjoni li hemm rimedji alternattivi, il-Qorti mhix sodisfatta li r-rikorrent kellu għodda proċedurali oħrajn effettivi x'jagħżel. Fi kwalunkwe każ, hija għandha, *ex*-Artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni, diskrezzjoni ħielsa f'dan ir-rigward, anke kemm-il darba jidhrilha li tabilħaqq jeżistu rimedji alternattivi adegwati.

L-ewwel ilment tar-rikorrent hu li sofra trattament inuman u degradanti skont Art. 36 tal-Kostituzzjoni u Art. 3 tal-Konvenzjoni.

Skont il-Qorti ta' Strasburgu, in re: *Ireland v United Kingdom*, li ġiet segwita fil-maġġor parti tal-każijiet sussegwenti dwar Art. 3, **it-trattament ħażin** irid ikun ta' ċerta severita`, li tiddependi miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, bħal kemm iddum, l-effetti fiżiċi u mentali li tikkawża, u, f'ċerti każijiet, is-sess, eta` u l-istat ta' saħħa tal-vittma. Iktar tard ġew introdotti żewġ elementi oħra: l-għan li għalih ikun sar it-trattament ħażin u l-kuntest li fih ikun ġie magħmul. L-għan huwa partikolarment rilevanti, fis-sens jekk il-miżura tfissirx disprezz u

nuqqas ta' rispett għall-personalita` tal-vittima, u jekk l-iskop kienx li vittma jiġi umiljat jew imċekken, jew kienx hemm xi skop ieħor.

Trattament ikun **degradanti** jekk javvilixxi lill-individwu jew iqanqal sens ta' biża', inkwiet jew inferjorita` tali li jistgħu jegħlbu r-reżistenza morali jew fiżika tiegħu, anke fl-assenza ta' ħsara fiżika fil-moħħ jew fil-ġisem. Id-differenza bejn trattament **inuman** u trattament **degradanti** tinstab fis-severita` tal-att u tal-effetti tiegħu. F'ħafna każijiet, il-Qorti ta' Strasburgu ma tapplikax din id-distinzjoni, u tirreferi għal trattament ħażin bħala "*inhuman or degrading*".

It-tkeċċija tar-rikorrent, li huwa persuna vulnerabbli, quddiem il-pazjenti tiegħu, akkumpanjata b'għajjat u vjolenza, u kummenti dwar id-diżabilita` tiegħu, u li seta` kellu effett fuq ir-reputazzjoni tiegħu; il-fatt li l-inċident ikkawżalu ansjeta` kbira, u kellu mpatt qawwi fuq il-ħajja personali u professjonali tiegħu; it-theddid li jekk jilmenta jitkeċċa minn fuq xogħolu; l-attentat biex jitkeċċa meta lmenta; l-inkjesta minn persuni subalterni tal-istess kap tad-dipartiment li kellhom jinvestigaw; in-nuqqas ta' trasparenza li biha mxiet l-inkjesta; u s-sospensjoni mix-xogħol meta l-pjan ta' tkeċċija ma rnexxiex fihom l-ingridjenti kollha ta' trattament inuman u degradanti u huma verament ta' għajb kbir, iktar u iktar għaliex inflitt minn membri tal-professjoni medika – li hija *a caring profession marbuta bil-ġurament Ipokratiku – u kap eżekuttiv ta' sptar tal-Istat Malti."*

## *Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

10. B'dan l-aggravju tagħha l-appellanti ssostni li l-attur ma rnexxilux jipprova li huwa sofra trattament inuman jew degradanti, a dan a kuntrarju ta' dak ikkonsidrat mill-Ewwel Qorti. Il-Qorti rat li waħda mir-raġunijiet li waslet lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi li l-attur sofra trattament inuman u degradanti hija li huwa ġie mkeċċi mill-kamra li fiha kien qiegħed jinvista pazjenti bi vjolenza. L-attur fil-fatt isostni fir-rikors promotur tiegħu li huwa kien ġie fiżikament maħruġ mill-kamra u mqiegħed fuq siġġu barra mill-kamra għaliex il-Professur Yves Muscat Baron irrifjuta li mqar jistenna li jiġu l-porters sabiex jgħinuh jiċċaqlaq mis-siġġu tal-klinika għal fuq is-

siġġu tar-roti tiegħu. Wara li fliet l-atti tal-kawża però din il-Qorti ma sabet l-ebda prova li tikkorrobora din il-verżjoni tal-attur, u anzi jirriżulta li fil-mori tal-kawża din l-allegazzjoni ġiet kontradetta mill-attur stess. L-ewwel nett, għalkemm l-attur jgħid li dan kien seħħ quddiem il-pazjent tiegħu, il-pazjenta tal-attur li xehdet f'dawn il-proċeduri u wkoll fl-inkjesta interna li saret dwar l-inċident, u ċioè Daniella Karadol, fl-ebda mument ma semmiet li dan ġara. L-ebda pazjent ieħor ma tressaq sabiex jikkonferma din il-verżjoni tal-fatti tal-attur. Mix-xhieda mogħtija minn Dr. Lina Janulova kemm waqt l-inkjesta u kif ukoll waqt dawn il-proċeduri wkoll jirriżulta li hija infondata l-allegazzjoni tal-attur li nħareġ mill-kamra bi vjolenza. Hija spjegat li kienet preżenti meta l-attur ħareġ mill-kamra u li l-attur ħareġ bl-għajnuna tal-porters li trasferewh għal fuq is-siġġu tar-roti tiegħu. Il-Qorti tinnota fil-fatt li għalkemm fir-rikors promotur tiegħu l-attur iddikjara li huwa kien inħareġ fiżikament mill-kamra u mhux mill-porters, fl-affidavit tiegħu biddel il-verżjoni fis-sens li l-Professur Muscat Baron ried li jaqbdu u joħorġuh mill-kamra iżda hu "irrifjutajt li noħroġ qabel jiġu l-porters." Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset li dak allegat mill-attur fir-rikors promotur li tneħħa mill-kamra bi vjolenza jirriżulta pruvat.

11. Lanqas ma jirriżulta li intqal xi diskors dispreġġjattiv dwar id-diżabilità tal-attur kif ikkonstatat l-Ewwel Qorti. Fil-fatt, minkejja li fl-affidavit li ġie preżentat f'dawn il-proċeduri Daniella Karadol tat l-

impressjoni li kienu saru kummenti dispreġġjattivi fil-konfront tal-attur minħabba d-diżabilità tiegħu, fix-xhieda tagħha quddiem il-bord ta' inkjesta interna hija kkonfermat li ma kinux saru kummenti dispreġġativi fil-konfront tal-attur u li sempliċiment kienet ħadet l-impressjoni li l-attur kien qiegħed jiġi akkużat li jdum biex jagħmel xogħlu minħabba li għandu diżabilita. Mill-atti jirriżulta biss li l-Professur Muscat Baron kien irrimarka li l-attur kien ser jieħu aktar ħin biex jara l-pazjenti mit-tabib l-ieħor, u ma jirriżultax li ntqal xi kliem dispreġġjattiv jew li ssemmiet id-diżabilità tal-attur. Wara li fliet l-atti bir-reqqa l-Qorti tqis li għalkemm jirriżulta b'mod ċar li ma kienx hemm skambju amikevoli bejn l-attur u l-Professur Muscat Baron u li s-sitwazzjoni setgħet ġiet trattata b'mod ferm aħjar minn żewġ adulti professjonisti, lanqas ma jista' jingħad li l-imġieba tal-Professur Muscat Baron kienet tali li tista' twassal lill-Qorti sabiex issib li l-attur sofra trattament inuman jew degradanti.

12. Il-Qorti tosserva li għalkemm huwa minnu li s-severità ta' trattament li jikkostitwixxi trattament degradanti hija ferm anqas minn dak li jikkostitwixxi tortura, xorta waħda trattament irid jilħaq ċertu grad ta' severità u gravità sabiex jitqies li huwa trattament degradanti u leżiv tad-drittijiet fundamentali tal-persuna involuta. Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ partikolari l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. The United Kingdom** (QEDB, 24/04/1985) fejn intqal hekk:

> "*The Court observes that the difference of treatment complained of did not denote any contempt or lack of respect for the personality of the applicants and that it was not designed to, and did not, humiliate or debase but was intended solely to achieve the aims referred to in paragraphs 75, 76, 78 and 81 above (see the Albert and Le Compte judgment of 10 February 1983, Series A no. 58, p. 13, para. 22). It cannot therefore be regarded as "degrading*"."

13. Minn eżami tal-atti assolutament ma jirriżultax li kien hemm xi intenzjoni li l-attur jiġi umiljat u lanqas ma jirriżulta xi disprezz jew nuqqas ta' rispett lejn il-personalità tal-attur. Dak li jirriżulta mill-atti huwa li meta nqala' l-inċident in kwistjoni kienet inqalgħet problema peress illi waħda mill-magni li tintuża għall-*ultra sound* ta' nisa tqal waqfet taħdem, liema magna kienet qed tintuża minn tabib li kellu xi għaxar pazjenti fuq il-lista, filwaqt li l-attur li kien qed juża l-magna l-oħra kellu total ta' xi erbgħa. Jirriżulta wkoll li dak iż-żmien l-attur kien jara anqas pazjenti mill-kollegi tiegħu. Il-Qorti ma taqbilx mal-attur li dan juri diskriminazzjoni sistematika kkonsidrat li mill-atti jirriżulta li s-sitwazzjoni kienet ilha hekk għal numru twil ta' snin u ma jirriżultax li tul dawk is-snin l-attur qatt ilmenta jew kjarifika li huwa seta' jara aktar pazjenti milli kienu qed jiġu assenjati lilu. Il-Qorti tosserva wkoll li minn imkien ma jirriżulta li b'konsegwenza ta' dan l-attur kien qiegħed jitħallas anqas mill-kollegi tiegħu jew b'xi mod isofri xi konsegwenzi avversi. Is-superjuri tal-attur, li jirriżulta li kienu wirtu din is-sistema fejn l-attur kien jara anqas pazjenti mill-kollegi tiegħu, kienu taħt l-impressjoni li dan kien minħabba d-diżabilità tal-attur u ma jidhirx li qatt ikkonfrontaw lill-attur dwar in-numru ta' pazjenti li kien jara. Minflok jidher li s-sitwazzjoni kienet ġiet aċċettata minn kulħadd, inkluż l-attur, mingħajr

diffikultà jew ilment. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan kollu juri semmai li l-Isptar kien qiegħed jieħu passi sabiex jagħmel il-post tax-xogħol aktar aċċessibbli għall-attur, u mhux li l-attur kien qiegħed isofri xi diskriminazzjoni sistematika.

14. Jirriżulta li dakinhar tal-inċident l-attur kellu ferm anqas pazjenti mit-tabib l-ieħor li kien qiegħed juża l-magna li waqfet taħdem. Jirriżulta wkoll li l-attur stess kien effettivament ikkonferma lil Professur Yves Muscat Baron li huwa kien jieħu d-doppju tal-ħin biex jeżamina pazjent minn dan it-tabib l-ieħor. Barra minn hekk, mill-atti jirriżulta li n-nisa fuq il-lista tat-tabib l-ieħor kien skedati biex isirilhom *anomaly scan*, liema eżami jrid isir tabilfors entro ċertu ġimgħat tat-tqala. Għalhekk sabiex dawn il-pazjenti ma jkollhomx l-appuntament ikkanċellat is-soluzzjoni li nstabet kienet li t-tabib l-ieħor jidħol juża l-kamra li kien qiegħed juża l-attur, u jara l-pazjenti li kien baqa' fuq il-lista tal-attur, li kienu xi tlieta. Ma jirriżultax li l-attur issuġġerixxa li jkun hu li jara dawn il-pazjenti ladarba l-magna li kien qiegħed juża kienet dik li kienet għadha taħdem, u anzi jirriżulta li hu kien qiegħed jippretendi li dan is-suġġeriment jiġi min-naħa tal-Isptar, minkejja li kif ingħad matul is-snin l-attur kien ikkorrobora l-impressjoni li kellhom is-superjuri tiegħu li huwa seta' biss jara numru limitat ta' pazjenti. Jidher li kien f'dan il-kuntest li l-Professur Muscat Baron ikkummenta lill-attur li ma kienx possibbli li joqogħdu jistennew sakemm ilesti l-pazjenti li kien baqa' fuq il-lista tiegħu peress li huwa kien idum iktar sabiex jeżamina

pazjent, fatt dan li jidher oġġettivament stabbilit ikkonsidrat li l-attur stess kien qallu li kien jieħu nofs siegħa biex jagħmel l-istess eżami li t-tabib l-ieħor kien jagħmel fi ħmistax-il minuta. Fil-fehma ta' din il-Qorti f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari l-Isptar kien ġustifikat fid-deċiżjoni tiegħu li l-attur iċedi l-kamra lit-tabib l-ieħor, għaliex jidher li din id-deċiżjoni ttieħdet fl-aħjar interessi tal-pazjenti li hija dejjem il-prijorità tal-Isptar u t-tobba li jaħdmu fih.

15. Huwa minnu li s-sitwazzjoni setgħet ġiet immaniġġjata ferm aħjar, u b'mod partikolari li l-Professur Muscat Baron ma messux ordna lill-attur sabiex joħroġ mill-kamra quddiem pazjenta, iżda messu stenna li l-attur ilesti minn dik il-pazjenta imbagħad ikellmu meta jkunu waħedhom fil-kamra. M'hemmx dubju wkoll li l-Professur Muscat Baron għamel referenza indiretta għad-diżabilità tal-attur meta qal li l-attur kien jieħu aktar ħin biex jara pazjenta mit-tabib l-ieħor. Din il-Qorti però ma tqisx li dan kien kumment intiż biex jumilja lill-attur jew juri xi disprezz lejh, iżda kien intiż biss sabiex jispjega għalfejn kien hemm bżonn li l-attur iċedi l-kamra favur it-tabib l-ieħor fl-aħjar interess tal-pazjenti sabiex ma jiġux imħassra l-appuntamenti li t-tabib l-ieħor kellu fuq il-lista tiegħu. F'dan ir-rigward huwa wkoll relevanti li l-kamra u l-magna li kien qiegħed juża l-attur huma proprjetà tal-Isptar u mhux tal-attur u għalhekk min u meta jużahom hija kwistjoni mħollija fid-diskrezzjoni tal-Isptar, u li inoltre l-attur, qua impjegat, kellu obbligu li jobdi l-ordnijiet leġittimi tas-superjuri tiegħu.

Ladarba ma jirriżultax li l-mod kif l-attur ġie ordnat li joħroġ mill-kamra seħħ kif iddeskriva fir-rikors promotur tiegħu, u fid-dawl ta' dak li rriżulta mill-atti, din il-Qorti tqis li l-inċident in kwistjoni ma jilħaqx is-severità meħtieġa sabiex jitqies bħala trattament inuman jew degradanti.

16. Fir-rigward tal-inkjesta li ġiet ordnata mill-Ministru, il-Qorti tosserva li skont il-liġi l-attur seta' ssottometta l-ilment tiegħu quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku sabiex din tieħu kont tal-ilment tiegħu u tagħti rimedju opportun. Dawk il-proċeduri huma suġġetti għall-applikabilità tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali kif konfermat mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, u għalhekk l-attur kien ikun jista' jirrikorri wkoll għat-tutela tad-drittijiet tiegħu fil-każ li l-proċeduri ma jkunux saru b'rispett sħiħ lejn dawn il-prinċipji. Minflok jirriżulta li l-attur għażel li jieħu t-triq politika billi jmur ikellem lil Ministru dwar dan l-inċident. Peress li l-Ministru ma kien jaf xejn dwar dan l-inċident jirriżulta li huwa ħatar Bord Ta' Inkjesta interna sabiex tiġbor informazzjoni dwar l-inċident u tgħaddiha lil Ministru biex ikun informat dwar dak li ġara. Huwa ċar li din l-inkjesta ma kinitx il-mezz maħsub mil-liġi permezz ta' liema l-attur seta' jittutela d-drittijiet u l-interessi tiegħu. Lanqas ma jirriżulta li l-attur ma kellux mod ieħor kif jikseb il-protezzjoni tad-drittijiet tiegħu peress li jirriżulta li l-attur fil-fatt kellu rimedju disponibbli għalih skont il-liġi u li l-aġir li dwaru kien qed jilmenta huwa fil-fatt projbit mill-Public Service Managament Code. Għalhekk din il-Qorti ma tistax lanqas issib ksur tal-

Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea mill-aspett proċedurali tiegħu, peress li jidher li kien biss minħabba nuqqas tal-attur stess li ma sarux proċeduri kif trid il-liġi fir-rigward ta' dan l-inċident.

17. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa fondat u qiegħed jiġi miċħud.

**It-Tieni Aggravju**

18. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta sabet li hija ddiskriminat kontra l-attur. Targumenta li f'każ li l-ewwel aggravju jintlaqa' u għalhekk jinstab li ma kien hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni allura jkun isegwi li lanqas ma hemm ksur tal-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni, ladarba sabiex jissussisti ksur tal-Artikolu 14 huwa neċessarju li jseħħ ukoll ksur ta' xi wieħed mill-jeddijiet l-oħra kkontemplati fil-Konvenzjoni. Tilmenta li l-Ewwel Qorti qatt m'għamlet eżami dwar jekk kienx hemm trattament differenti bejn persuni li huma f'sitwazzjoni simili, ħaġa li qatt ma setgħet tagħmel peress li l-attur naqas milli jressaq kwalunkwe prova f'dan ir-rigward. Targumenta li kien l-attur li kellu jġib prova li l-ordni tal-Professur Muscat Baron kif maqbul ma' Ivan Falzon kienet ġustifikata iżda naqas milli jagħmel dan. Tgħid li mill-provi jirriżulta li meta inqala' inċident simili fis-7 ta' Awwissu 2018 kien l-attur li tħalla jkompli jara l-pazjenti assenjati lilu kif ukoll il-pazjenti ta' Dr. Rifad peress li dakinhar l-attur kellu aktar

pazjenti minn Dr. Rifad, u li dan ikompli jikkorrobora t-teżi konvenuta. Tilmenta li s-sentenza appellata ma tissodisfax il-vot tal-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex mis-sentenza ma tirriżulta l-ebda raġuni intelliġibli għaliex il-mertu ġie deċiż bil-mod kif ġie deċiż.

19. L-attur iwieġeb li ma sar l-ebda appell fuq il-fatt li l-Ewwel Qorti laqgħet l-ewwel talba attriċi li titratta l-ilment tiegħu dwar trattament inuman u degradanti għaliex l-aggravji tal-appellanti jirrigwardaw biss it-tieni talba attriċi. Jargumenta li t-trattament distint bejn persuni li huma f'sitwazzjonijiet simili jirriżulta ampjament mill-atti, u dan partikolarment mix-xhieda ta' Daniella Karadol u Dr. Carmen Portelli li t-tnejn ikkonfermaw li l-Professur Yves Muscat Baron kien qal b'mod ċar li ma kienx aċċettabbli li l-attur ikompli jara l-pazjenti għaliex skont hu jdum aktar minn ħaddieħor minħabba d-diżabilità tiegħu, u dan meta rriżulta li huwa kapaċi daqs ħaddieħor. Jgħid li ma tirriżulta l-ebda ġustifikazzjoni oġġettiva jew raġonevoli l-għaliex huwa ntalab jivvaka mill-klinika tiegħu għajr sabiex jiġi aġevolat u tingħata prijorità lill-persuna li m'għandhiex diżabilita a skapitu tiegħu. Iżid li f'każijiet ta' diskriminazzjoni l-oneru tal-prova jinkombi fuq il-konvenut li jipprova li kien hemm ġustifikazzjoni oġġettiva għad-differenza fit-trattament meta din id-differenza tkun ġiet pruvata mill-attur. Iżid ukoll li mhuwiex minnu li hemm xi difett fil-motivazzjoni tas-sentenza u li f'dan il-każ ċertament ma jirriżultawx l-estremi kkontemplati fl-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

20. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "45(1) tal-Kostituzzjoni jiprojbixxi kull tip ta' diskriminazzjoni. Artiklu 14 tal-Konvenzjoni jiprojbixxi d-diskriminazzjoni u jagħti eżempji speċifiċi. Ġie deċiż li l-eżempji mhumiex eżawrjenti. Għalkemm fost dawn l-eżempji m'hemmx id-diżabilita`, mhemmx dubju li għandha tiġi nkluża.
>
> Diskriminazzjoni għandha tfisser trattament differenti lil persuni li huma f'sitwazzjoni simili mingħajr ġustifikazzjoni valida u oġġettiva.
>
> Ġie stabbilit li r-rikorrent kapaċi jaħdem daqs ħaddieħor minkejja d-diżabilita` tiegħu.
>
> L-iżgumbrament tar-rikorrent mill-klinika tiegħu; it-tentattiv tat-tkeċċija tiegħu; u s-sospenzjoni tiegħu saru unikament minħabba d-diżabilita` tiegħu; u ċertament ma kinux iġġustifikati stante l-kontribut siewi li r-rikorrent dejjem ta lis-servizz tal-isptar minkejja d-diżabilita` tiegħu."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

21. Il-Qorti tibda billi tirrileva li huwa żbaljat l-appellat meta jgħid li ma sarx appell mis-sejbien ta' leżjoni tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. L-ewwel aggravju tal-appellanti jibda proprju hekk: "L-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti in atti u naqset milli debitament tiehu konjizzjoni ta' fatti saljenti u li a bazi ta' liema hija sabet illi r-rikorrenti safa vittma ta' agir inuman u degradanti bi ksur ta' Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja." (*fol.* 311). Fit-talba tagħha mbagħad l-appellanti għaddiet sabiex titlob lil din il-Qorti biex tirriforma s-sentenza appellata billi tiċħad it-talbiet kollha attriċi. Għalhekk huwa ċar li huwa żbaljat l-appellat meta jsostni li l-appell tal-konvenuta jirrigwarda biss it-tieni talba attriċi.

22. Il-Qorti tqis li huwa infondat l-ilment tal-appellanti li l-Ewwel Qorti ma mmotivatx suffiċjentement il-konklużjoni tagħha li l-appellat sofra trattament diskriminatorju. Jirriżulta b'mod ċar mis-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-appellant sofra trattament diskriminatorju għaliex ikkonsidrat li mill-provi jirriżulta li huwa kien ġie żgumbrat mill-klinika tiegħu, u eventwalment kien sar tentattiv biex jitkeċċa u kien ġie sospiż unikament minħabba d-diżabilità tiegħu u li dawn l-atti ma kinux iġġustifikati għaliex mill-provi rriżulta li l-attur dejjem ta kontribut u servizz siewi lill-isptar minkejja d-diżabilità tiegħu.

23. Huwa żbaljat l-argument tal-appellanti li ma jistax jinstab ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni abbinat mal-Artikolu 3 jekk ma jkunx instab ksur tal-artikolu 3 nnifisu. Kif jispjega l-awtur Professur William Schabas:

> "*Article 14 provides protection against discrimination in the enjoyment of rights and freedoms guaranteed by the other substantive provisions of the Convention. It is a subsidiary provision in that it complements the other substantive provisions of the Convention and its Protocols. Article 14 does not have an independent existence because it applies only to 'the enjoyment of the rights and freedoms' safeguarded by other provisions of Convention law. Nevertheless, it is autonomous to the extent that it does not require that there be a breach of one of the other substantive provisions. Article 14 is applicable when 'the facts at issue fall "within the ambit" of one or more of the latter'*."[1]

[1] W. Schabas, *The European Convention of Human Rights* (Oxford University Press, 2015) 562.

24. Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ivan Vella v. L-Avukat Ġenerali et** (Kost., 25/11/2011) fejn fuq dan il-punt intqal hekk:

> "Illi meta l-Qorti tistharreg l-ilment taht l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni trid taghmel dan billi zzomm quddiem ghajnejha (i) li dak l-ilment jehtieg li jkun marbut ma' xi jedd iehor imhares mill-Konvenzjoni… Madankollu, persuna tista' ssejjes talba taht dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" iehor imhares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bhal dak."

25. Detto dan din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti li mill-atti jirriżulta li l-attur sofra trattament diskriminatorju bi ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu. Kif diġà ġie kkonsidrat fir-rigward tal-aggravju preċedenti l-allegazzjoni tal-attur dwar il-mod kif ġie trattat ma tirriżultax suffiċjentement pruvata.

26. Il-Qorti ma taqbilx ma' dak li jsostni l-appellat fir-risposta tiegħu li jirriżulta huwa ġie mkeċċi mill-kamra li kien qiegħed juża a benefiċċju ta' tabib ieħor li m'għandu l-ebda diżabilità u a skapitu tiegħu. Mill-atti jirriżulta li sa dakinhar l-attur kien ikollu lista ta' erba' pazjenti biss għal raġunijiet li ma kinux magħrufa lill-kap tad-dipartiment, bl-assunzjoni li dan kien minħabba li l-attur ma setax jattendi aktar pazjenti minħabba d-diżabilità tiegħu. Ma jirriżultax li l-attur qatt ilmenta dwar l-ammont limitat ta' pazjenti li kien jara, u jidher li kien biss wara dan l-inċident li l-kwistjoni ġiet kjarifikata u l-attur beda jiġi assenjat aktar pazjenti waqt il-klinika tiegħu. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, fiċ-ċirkostanzi, u partikolarment ikkonsidrat li l-attur qatt ma ilmenta dwar l-ammont limitat ta' pazjenti li

kien jara waqt il-klinika tiegħu, Ivan Falzon u l-Professur Yves Muscat Baron kienu ġustifikati fl-assunzjoni tagħhom li l-attur kellu bżonn aktar ħin sabiex jattendi lill-pazjenti mit-tabib l-ieħor. Dan aktar u aktar meta ma jirriżultax li l-attur kien issuġġerixxa li ladarba kienet il-magna fil-kamra li kien qiegħed juża hu li kienet għadha taħdem, allura kellu jkun hu li jattendi l-pazjenti fuq il-lista tat-tabib l-ieħor u mhux vice versa.

27. Mill-provi jirriżulta li fiċ-ċirkostanzi l-għażla kienet bejn li l-attur jibqa' juża l-kamra in kwistjoni u jattendi t-tliet pazjenti li kien baqagħlu bil-konsegwenza li l-għaxar pazjenti li kien hemm fuq il-lista tat-tabib l-ieħor ikollhom l-appuntament tagħhom ikkanċellat, jew li t-tabib l-ieħor juża l-kamra in kwistjoni minflok l-attur u jara l-ftit pazjenti li kien baqagħlu l-attur flimkien ma' dawk li kellu fuq il-lista tiegħu. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-pazjenti li kieku kien ser ikollhom l-appuntament ikkanċellat kellhom appuntament sabiex isir "*anomaly scan.*" Il-Qorti tifhem għalhekk li kien imperattiv li kemm jista' jkun jiġi evitat li dan l-appuntament jitħassar, kemm għaliex dan huwa eżami li jrid isir f'ċertu ġimgħat partikolari tat-tqala u għalhekk m'hemmx ħafna flessibilità f'dak li jirrigwarda l-posponiment tiegħu, u kemm għaliex pazjenti b'appuntament bħal dan naturalment ikollhom ċertu ammont ta' stress u ansjetà marbuta mal-possibilità li t-tarbija li qed jistennew tiġi dijanjostikata b'xi problemi tas-saħħa, possibilment gravi, u għalhekk m'għandhomx jitħallew fil-limbu f'dan ir-rigward. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-prijorità assoluta tal-

amministrazzjoni tal-Isptar u tat-tobba, inkluż l-attur, kellha tkun is-saħħa u l-benessere tal-pazjenti konċernati, u mhux l-interessi personali ta' xi ħadd minnhom. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti għalkemm huwa minnu li jidher li l-għażla kienet li t-tabib l-ieħor juża l-kamra li kien qiegħed juża l-attur għaliex kien hemm assunzjoni li l-attur kien jeħtieġ aktar żmien minħabba l-kondizzjoni tiegħu, dan ma jfissirx li l-attur sofra leżjoni tad-dritt tiegħu li ma jiġix iddiskriminat u dan ikkonsidrat li:

i. L-attur stess kien ikkontribwixxa għall-ħolqien tal-assunzjoni li huwa kellu bżonn aktar żmien biex jara l-pazjenti billi qatt ma informa lill-amministrazzjoni tal-Isptar li huwa seta' jara aktar minn erba' pazjenti f'ġurnata;
ii. L-attur kompla jikkontribwixxi għal din l-assunzjoni billi meta nqala' l-inċident ma offriex li jkun hu li jieħu l-pazjenti tat-tabib l-ieħor u bl-ebda mod ma kkontribwixxa biex tinstab soluzzjoni fl-aħjar interessi tal-pazjenti;
iii. L-ordni li dwaru jilmenta l-attur sar biss sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm numru sostanzjali ta' pazjenti li jiġi kkanċellat l-appuntament tagħhom;
iv. L-appuntamenti li kienu ser jiġu kkanċellati kienu għal *anomaly scan* u għalhekk kien ferm importanti li dawn isiru kif skedati u ma jiġux posposti.

28. Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tqis li aktar milli kwistjoni ta' trattament distint abbażi ta' diżabilità, din hija kwistjoni fejn l-amministrazzjoni tal-Isptar kellha tieħu deċiżjoni fl-aħjar interess tal-pazjenti, kif wara kollox huwa d-dover tagħha li tagħmel irrispettivament minn min mill-impjegati tagħha jkun ikkonċernat. Anke kieku kellu jiġi aċċettat li l-attur ġie trattat b'mod distint minħabba d-diżabilita tiegħu, il-Qorti tqis li tali distinzjoni fit-trattament kienet ġustifikata u proporzjonata fiċ-ċirkostanzi tal-każ peress illi s-saħħa u l-benessere tal-pazjenti hija l-prijorità tal-amministrazzjoni tal-Isptar u tat-tobba kollha li jaħdmu fih, inkluż l-attur. Fil-fatt il-Qorti tosserva li meta inqagħlet problema simili xi żmien wara dan l-inċident, u wara li l-attur kien kjarifika li huwa seta' jara aktar minn erba' pazjenti f'ġurnata, il-pazjenti tat-tabib l-ieħor kienu ġew mgħoddija lill-attur sabiex jarahom hu flimkien mal-pazjenti tiegħu. Dan jimmina sew l-argument tal-attur li l-Isptar kien qiegħed jiffavorixxi tabib ieħor a skapitu tiegħu sempliċiment għaliex it-tabib l-ieħor m'għandux diżabilità.

29. Il-Qorti tqis ukoll li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ħadet in konsiderazzjoni s-sospensjoni tal-attur minn xogħlu u t-tentattiv preċedenti biex jiġi *boarded out* bħala prova ta' diskriminazzjoni kontrih abbażi ta' diżabilità tiegħu. Mix-xhieda mhux kontradetta tal-Professur Yves Muscat Baron jirriżulta li s-sospensjoni tal-attur mix-xogħol hija dovuta għall-fatt li hemm investigazzjoni għaddejja mill-Kunsill Mediku fir-rigward tiegħu u dan minħabba allegazzjoni li f'ġimgħa waħda żewġ nisa

kienu kważi mietu, tant li waħda minnhom kellha bżonn tiġi operata darbtejn, minħabba xi nuqqas allegatament attribwibbli lill-attur. Jirriżulta wkoll li d-deċiżjoni sabiex l-attur jiġi *boarded out* ma kinitx ibbażata fuq id-diżabilità tiegħu iżda fuq tħassib li kien dwar il-mod kif kif jagħmel xogħlu minħabba ċertu allegazzjoni, inkluż:

i. Inċident fejn minkejja li *radiographer* kien ra tumur f'xi *scans* li kienu saru għal pazjenta l-attur kien qal lill-istess pazjenta li m'għandha xejn, filwaqt li xi xhur wara kienet attendiet l-isptar, fi kliem il-Professur Yves Muscat Baron, "b'żaqq daqsiex" li din il-Qorti tifhem mill-kuntest tax-xhieda li kien minħabba li t-tumur kompla jikber;

ii. Żbalji fil-qari ta' *ultrasounds* ta' nisa tqal, tant illi kien hemm inċident fejn l-attur kien qal lil pazjenta li kienet tilfet it-tarbija li kienet qed tistenna u rreferiha sabiex isirilha intervent biex jitneħħew il-fdalijiet tat-tqala, filwaqt li t-tobba li kienu ser jagħmlu dan l-intervent sabu li dan ma kienx minnu proprju ftit qabel m'għamlu l-intervent;

iii. Żbalji fil-qari ta' *anomaly scans* fejn pazjenti jingħataw informazzjoni opposta għal dik li kienet fil-fatt tirriżulta minn dawn l-iscans.

30. Għalhekk, ikkonsidrat li jirriżulta li l-attur ġie sospiż pendenti investigazzjoni mill-Kunsill Mediku fuq allegazzjonijiet serji dwar ix-xogħol

tiegħu, l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkonsidra s-sospensjoni tal-attur bħala prova ta' diskriminazzjoni kontra tiegħu. Dawn l-inċidenti jinsabu *sub judice* peress li għadhom qed jiġu investigati mill-Kunsill Mediku u għalhekk din il-Qorti ma tistax tindaħal f'dan il-proċess qabel jiġi magħluq, partikolarment peress li lanqas jirriżulta imqar *prima facie* li din l-investigazzjoni hija waħda malizjuża u diskriminatorja.

31. Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tqis li l-ilment tal-attur li huwa sofra diskriminazzjoni abbażi tad-diżabilità tiegħu ma jirriżultax fondat, u għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel u t-tieni aggravju tal-appellanti u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet attriċi *in toto*, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr